**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 120/2021**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Priscilla Caruana Lee)**

**-Vs-**

**JOSEPH INCORVAJA**
**(ID: 391960M)**

**Illum, 16 ta' Ġunju 2021**

**Il-Qorti,**

Rat illi l-imputat **JOSEPH INCORVAJA** ta' 60 sena tressaq quddiemha akkuzat talli bejn Jannar u Awwissu tas-sena 2020 ġewwa l-Land Registration Agency, Triq il-Punent il-Belt Valletta u f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żmien differenti, iżda li jikstru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmulin b'riżoluzzjoni waħda:-

1. Approprja ruħu, billi dawwar bi profit għalih jew għal persuna oħra, is-somma ta' aktar minn ħames mitt euro (€500) iżda mhux aktar minn ħamest elef euro (€5,000) taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat, liema somma ġiet fdata lilu

minħabba l-professjoni industrija, kummerċ, kariga, jew servizz tiegħu, għad-dannu tal-aġenzija Land Registry u għall-Gvern ta' Malta u dan bi ksur tal-artikoli 293, 294, 310 (1)(b) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku illi, għal xi vantaġġ privat tiegħu jew għall-benefiċċju ta' xi persuna jew entita' oħra, jagħmel użu ħażin minn flejjes tal-Gvern jew tal-privat, karti ta' kreditu jew dokumenti, titoli, atti jew ħwejjeġ mobbli, illi jkunu ġew fdati lilu minħabba l-kariga jew impieg tiegħu, jew jisraqhom u dan bi ksur tal-artikolu 127 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. Aktar talli, fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku illi kiteb atti li jidħlu fid-dmirijiet tal-kariga tiegħu, biddel bil-qerq is-sustanza jew iċ-ċirkostanzi tagħhom, sew billi niżżel pattijiet diversi minn dawk li jkunu ġew iddettati jew magħmula mill-partijiet, kemm billi jiddikjara bħala veri fatti foloz, jew bħala fatti magħrufa dawk li ma jkunux dan bi ksur tal-artikolu 180 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

   Il-Qorti ġiet ukoll ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' sejbien ta' ħtija tikkundanna lill-akkużata għal ħlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat illi fis-seduta tal-10 ta' Ġunju 2021, l-Ufficjal Prosekutur qrat u kkonfermat l-akkużi bil-ġurament;

Semghet lill-imputat waqt l-eżami iwieġeb li huwa ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontrih;

Rat illi wissiet lill-imputat bl-iktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tieghu, spjegat l-imputazzjonijiet li jinsab mixli bihom u ssospendiet fattwalment is-seduta biex taghti zmien lill-imputat biex jahseb sew dwar din id-dikjarazzjoni ta' ħtija u sabiex jerga' jikkonsulta mad-difensur tieghu;

Semghet lill-imputat wara ftit tal-ħin jikkonferma l-ammissjoni tal-ħtija tiegħu anke wara illi ngħata zmien biex jirrikonsidra din id-dikjarazzjoni ta' ħtija u sabiex jerġa' jikkonsulta mad-difensur tieghu, kif ukoll wara li l-Qorti spjegatlu l-pieni erogabbli għall-akkużi li jinsab mixli bihom;

Rat l-atti kollha tal-proċeduri;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar il-piena u semgħet ukoll lill-istess partijiet jiddikjaraw illi għall-fini tal-ewwel akkuża, is-somma approprjata indebitament mill-imputat hija ta' elfejn seba' mija u sebgħa u tletin Euro (€2,737), liema somma l-imputat diġa' raddha lura fl-intier tagħha lil-Land Registration Agency.

Rat illi l-kawza kienet differita ghal-lum biex tinghata s-sentenza.

Ikkunsidrat;

In vista tal-ammissjoni li giet registrata mill-imputat, liema ammissjoni del resto saret volontarjament u fil-presenza tal-Avukat difensur tieghu u bl-osservanza tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 392A(1) tal-Kodici Kriminali, il-Qorti tqis li l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-imputat ġew debitament ippruvati u b'hekk l-imputat ghandu jinsab ħati tar-reati li gie mixli bihom.

Ghall-fini tal-piena li ghandha tigi erogata mill-Qorti fuq dikjarazzjoni ta' htija tal-imputat, il-Qorti hadet diversi fatturi in konsiderazzjoni, fosthom in-natura serja tar-reati, liema serjeta` hija aggravata bil-fatt illi l-imputat ikkommetta r-reati fil-kariga

tiegħu bħala uffiċjal jew impjegat pubbliku. L-imputat ammetta l-ħtija tiegħu ghat-tliet reati addebitati lilu fiċ-Ċitazzjoni, liema reati huma dawk ta' approprjazzjoni bla jedd, biċ-ċirkostanzi aggravanti maħsubin fl-Artikolu 294 u l-Artikolu 310(1)(b) tal-Kap. 9, serq jew użu ħażin minn flejjes jew ħwejjeġ mobbli fdati lilu minħabba l-kariga pubblika tiegħu taħt l-Artikolu 127 tal-Kap. 9 u tibdil b'qerq f'atti magħmul minn uffiċjal pubbliku. Hu ovvju għall-Qorti illi bejn ir-reati addebitati fl-ewwel żewġ imputazzjonijiet, teżisti konkorrenza formali stante illi l-att tal-approprjazzjoni indebita tal-flus mill-imputat ta lok ghall-ksur ta' żewġ dispozizzjonijiet differenti tal-liġi u għalhekk, għandha tingħata l-piena biss għar-reat l-iktar gravi li f'dan il-każ hu r-reat taħt l-Artikolu 127 tal-Kap. 9 li jġorr piena f'każ ta' ħtija ta' priġunerija minn sentejn sa sitt snin u interdizzjoni ġenerali perpetwa[1].

Il-Qorti fehmet ukoll, abbażi ta' dak li ġie sottomess mill-partijiet, illi l-użu ħażin tal-flejjes li ġew fdati lill-imputat, liema użu ħażin jikkostitwixxi l-element kostituttiv materjali taż-zewġ reati li ġew addebitati lilu fl-ewwel u t-tieni imputazzjoni, sar permezz tal-kommissjoni tar-reat addebitat lill-imputat fit-tielet imputazzjoni. Għall-Qorti, dan ifisser illi jsibu applikazzjoni fir-rigward, id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 17(h) tal-Kap. 9 li jipprovdi li "*meta żewġ reati jew iżjed, li flimkien ma jagħmlux delitt ikkwalifikat, iservu bħala mezz biex isir reat ieħor, sew ikkwalifikat jew sempliċi, għandha tingħata l-piena għar-reat l-iktar gravi*". Kif diġa' ġie stabbilit, ir-reat l-iktar gravi huwa dak taħt l-Artikolu 127 tal-Kap. 9 u għalhekk tqis illi l-imputat għandu jingħata l-piena maħsuba ghar-reat ta' serq ossia użu ħażin minn impjegat jew uffiċjal pubbliku ta' flejjes tal-Gvern.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll il-fedina penali netta tal-imputat li f'għomru u fl-eta' ta' wieħed u sittin (61) sena qatt ma nstab ħati li kkommetta reat kriminali. Ikkunsidrat ukoll li kif ġie sottomess mid-difiża, l-imputat effettivament irrikonoxxa li huwa żbalja meta kkommetta dawn ir-reati, tant illi huwa stabbilit li huwa ħallas lura lil-Land Registration Agency is-somma intiera li ġiet approprjata minnu bla jedd. Fil-

[1] Għalkemm b'applikazzjoni tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 310(1)(b) tal-Kap. 9, il-piena għar-reat taħt l-Artikolu 294 ma tistax tingħata fil-minimum tagħha, din il-piena hija inqas minn dik stabbilita għar-reat taħt l-Artikolu 127 tal-Kap. 9.

qies ta’ dawn iċ-ċirkostanzi kollha, il-Qorti hi tal-fehma illi piena karċerarja effettiva m’hijiex mistħoqqa u jkun ferm iktar xieraq li jiġu applikati d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 ħalli l-imputat ikollu l-mannara fuq rasu u jevita l-kommissjoni ta’ reati oħrajn.

**Decide**

**Għal dawn il-motivi, wara li rat l-Artikoli 17, 18, 20, 127, 180, 293, 294 u 310(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni l-Qorti ssib lil JOSEPH INCORVAJA ħati l-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontrih u tikkundannah sentejn priġunerija izda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna illi din is-sentenza ma tidħolx fis-seħħ ħlief jekk, matul il-perijodu ta’ erba’ snin mil-lum, il-ħati jikkommetti reat iehor li għalih hemm piena ta’ priġunerija.**

**Għall-fini tal-Artikolu 10 u l-Artikolu 127 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-ħati ukoll għall-interdizzjoni ġenerali perpetwa u tordna illi s-sentenza tiġi notifikata lir-Reġistratur tal-Qorti sabiex jieħu ħsieb li jagħmel id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern.**

**Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat, fi kliem car u li jinftiehem, ir-responsabbiltajiet tiegħu taħt l-Artikolu 28B jekk huwa jikkommetti, matul il-perjodu operattiv, reat li għalih hemm piena ta` priġunerija.**

**Tiċħad it-talba tal-Prosekuzzjoni taħt l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta stante illi ma jirriżultax li ġew maħturin esperti jew periti fil-proċeduri jew fil-proces-verbal tal-inkjesta.**

**Il-Qorti qiegħda tordna li l-atti tal-proċeduri kif ukoll kopja ta' din is-sentenza, jiġu mibgħuta lill-Avukat Generali fi żmien sitt ijiem tax-xogħol a tenur tal-Artikolu 392A(2) tal-Kapitolu 9.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT.**